**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0083/2024**

10.3.2024

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina li jemenda l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (12378/2023 – C9-0460/2023 – 2023/0303(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Jordi Cañas



*Magħquda fid-diversità*

PR_NLE-AP_Agreement

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........6

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........7

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI ..........8

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........9

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........10

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina li jemenda l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**
**(12378/2023 – C9-0460/2023 – 2023/0303(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12378/2023),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim fil-forma ta' skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina li jemenda l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (12379/2023),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0460/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0083/2024),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Arġentina.

# NOTA SPJEGATTIVA

F'Ottubru 2018, l-UE nediet formalment il-proċess tan-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 ma' għadd ta' membri tad-WTO. Il-prinċipju sottostanti tan-negozjati huwa "approċċ konġunt" żviluppat bejn l-UE u r-Renju Unit lura fl-2017 dwar kif "jitqassmu" l-impenji kwantitattivi li jinsabu fl-iskeda tad-WTO tal-EU28 għall-143 kwota tariffarja (TRQ) tal-UE fil-qafas tad-WTO għal prodotti agrikoli, tal-ħut u industrijali. Il-bażi ta' dan l-approċċ hija li jinżamm bis-sħiħ il-volum eżistenti ta' kull TRQ fil-futur, iżda maqsum f'żewġ territorji doganali separati: l-EU27 u r-Renju Unit.

Il-prinċipju tal-metodoloġija applikata huwa bbażat fuq il-flussi kummerċjali fl-EU27 u fir-Renju Unit matul perjodu ta' referenza rappreżentattiv (ta' tliet snin mill-2013 sal-2015) għat-TRQs kollha tad-WTO. Il-metodoloġija miftiehma tat-tqassim hija deskritta fid-dettall fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 2(b) ta' dan ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li temenda l-ishma tat-tqassim filwaqt li tqis l-informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi kemm fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 kif ukoll minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika.

In-negozjati bejn l-UE u l-Arġentina rriżultaw fl-iffirmar tal-Ftehim rilevanti fl-10 ta' Mejju 2021. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2021. Il-Ftehim jipprevedi li l-UE għandha tinforma lill-Arġentina f'każ li r-riżultat tan-negozjati bejn l-UE u membri oħra tad-WTO bi drittijiet skont l-Artikolu XXVIII ikun jibdel l-ishma miftiehma fin-negozjati bilaterali tagħhom.

Bħala riżultat tan-negozjati ma' membri oħra tad-WTO, l-UE qablet li tbiddel l-ishma ta' żewġ TRQs li għalihom l-Arġentina għandha drittijiet ta' negozjar, u għalhekk il-ftehim oriġinali mal-Arġentina jeħtieġ li jiġi emendat fir-rigward tal-volum tal-EU27 għat-TRQs li ġejjin. Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq it-trab tal-ħalib xkumat ġie rivedut għal 62 917-il tunnellata biex jiġi evitat volum mhux kummerċjalment vijabbli min-naħa tar-Renju Unit. Is-sehem tal-EU27 ta' TRQ *erga omnes* fuq il-meraq tal-frott ġie rivedut għal 6 551 tunnellata, b'kont meħud tal-kummerċ fil-perjodi ta' referenza 2015-2017 u 2016-2018. Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 rilevanti se jiġu emendati biex jirriflettu dawn il-volumi tat-TRQs emendati.

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, biex il-Kunsill jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim u biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fi żmien xieraq hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim, mingħajr preġudizzju għad-dritt demokratiku tiegħu ta' skrutinju kontinwu.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Administrators of the Unit G1 for Global Issues, WTO and relations with ACP Countries, DG AGRI, Commission |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

29.11.2023

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Is-Sur Bernd Lange
President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
ASP 12G301
BRUSSELL

Ref.: IPOL-COM-AGRI D(2023) 42070

Suġġett: Opinjoni dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Ftehim bejn l-UE u l-Arġentina dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji tad-WHO wara l-Brexit (2023/0303(NLE))

Sur President,

Nagħmel referenza għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar, rispettivament, il-konklużjoni ta' ftehim bejn l-UE u l-Eġittu dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji tad-WHO bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea [2023/0296 (NLE)], u l-emenda għall-ftehim bejn l-UE u l-Arġentina dwar l-istess suġġett [2023/0303 (NLE)].

Il-koordinaturi tal-Kumitat AGRI kkunsidraw il-kwistjoni fil-laqgħa tagħhom tat-28 ta' Novembru. Huma qablu mal-ftehim mal-Eġittu msemmi hawn fuq u mal-emenda għall-ftehim mal-Arġentina. Barra minn hekk, talbuni ngħaddilek l-opinjoni tagħhom skont l-Artikolu 56.

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet approvata mill-Kumitat AGRI fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2023.

Dejjem tiegħek,

Norbert Lins

Kopja: is-Sur Martin Hlaváček, Rapporteur permanenti tal-Kumitat AGRI għall-kwistjonijiet relatati mal-Brexit

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Arġentina li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika Arġentina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea |
| **Referenzi** | 12378/2023 – C9-0460/2023 – 2023/0303(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni** | 8.12.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>18.1.2024 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>18.1.2024 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jordi Cañas<br>24.10.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.1.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.3.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Danuta Maria Hübner, Karin Karlsbro, Miapetra Kumpula-Natri, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Thierry Mariani, Margarida Marques, Emmanuel Maurel, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Helmut Scholz, Dominik Tarczyński, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Jan Zahradil |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marek Belka, Anna Cavazzini, José Manuel García-Margallo y Marfil, Enikő Győri, Cristina Maestre Martín De Almagro, Javier Moreno Sánchez, Manuela Ripa, Witold Jan Waszczykowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrea Bocskor, Paola Ghidoni, Ivo Hristov, Virginie Joron, Ska Keller, Dace Melbārde, Wolfram Pirchner, Aušra Seibutytė |
| **Data tat-tressiq** | 11.3.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 33 | + |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois, Dominik Tarczyński, Witold Jan Waszczykowski, Jan Zahradil |
| ID | Paola Ghidoni, Danilo Oscar Lancini |
| NI | Andrea Bocskor, Enikő Győri |
| PPE | José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Dace Melbārde, Wolfram Pirchner, Aušra Seibutytė, Jörgen Warborn |
| Renew | Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Marek Belka, Ivo Hristov, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Cristina Maestre Martín De Almagro, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Inma Rodríguez-Piñero, Kathleen Van Brempt |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Anna Cavazzini, Ska Keller, Manuela Ripa |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Virginie Joron, Thierry Mariani |
| The Left | Emmanuel Maurel |

| 1 | 0 |
|---|---|
| The Left | Helmut Scholz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni